Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,257, 30 ta' Awwissu, 2019
Taqsima B

A.L. 218 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Wellbeing Studies – B.A. (Hons) SWB - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Wellbeing Studies – B.A. (Hons) SWB - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Wellbeing Studies – B.A. (Hons) SWB - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 326 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Wellbeing Studies – B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Wellbeing Studies – B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Social Wellbeing;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Social Wellbeing Studies;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Wellbeing Studies – B.A. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Wellbeing Studies – B.A. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Il-paragrafu (5) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(5) Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tar-regolament 15 tar-Regolamenti għad-Dħul, l-applikanti li għandhom il-Higher Diploma in Community Access for Disabled People ta' din l-Università jew li għandhom kwalifika komparabbli f'qasam relatat, jew l-applikanti li kisbu kretti għal taqsimiet studju kkunsidrati mill-Bord tal-Istudji bħala ekwivalenti għal dawk fil-programm ta' studju, jistgħu jidħlu fi kwalunkwe sena tal-Kors taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi u jsegwu programm ta' studju kif indikat mill-Bord tal-Istudji."